CittaNotabile

# Minuti tal-laqgha numru34 tas-seba' Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 1 ta' Dicembru 2015 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter SantManduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Presenti |
| Kunsillier | Mary Ann Sultana | MS | Prezenti |
| SegEzekuttiv | Mark Mallia | MM | Prezenti |

34.1 **Approvazzjoni tal-Minuti**

34.1.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 33 gew approvati

34.2 **Arising out**

34.2.1 PSM filwaqt li xtaq jilqa fostna bhala Segretarju Ezekuttiv il-gdid tal-Kunsill lis- Sur Mark Mallia, huwa f'isem il-Kunsill kollu irringrazzja lis-Sur Paul Spiteri tax-xoghol kollu li ghamel mal-Kunsill ghal dawn l-ahhar sitt snin fejn inghata tifkira bhala rikonoxximent.

34.3 **Korrespondenza batch 127/128**

34.3.1 Ittra minghand l-Avukati Scerri and Bonello fuq hlas pendenti dovuti mill-Kunsill lil WM Environmental Ltd. MM ser isejjah laqgha mal-kuntrattur.

34.3.2 Ittra minghand l-avukati Lofaro and Simiana fuq il-kuntratt ta' Casino Notabile. Il-Kunsill ser jinforma b'din l-ittra lill-Avukat tal-Kunsill biex jkun jista' jwiegeb f'dan ir-rigward.

34.3.3 Kellna korrespondenza minghand l-MTA ghal talba biex jigi installat railing gdid mat-tarag li jghati ghat-Tourist Information Centre fil-post Torre Dello Standardo. Il-Kunsill talab lil JD biex jaghmel meeting fuq il-post.

34.3.4 MM infurma lill-Kunsill li l-pagament ta' € 7000 mid-DLG inghata ghal attivita tal- Mdina Medieval Festival

34.4 **Attivitajiet tal-Milied**

34.4.1 Il-Kunsill ddecieda li l-attivita annwali tal-Milied ser ssir nhar is- Sibt, 19 ta' Dicembru u l-prezz li jithallas ghandu jkun ta' € 25.

34.5 **Gbir ta’ L-Iskart Organiku**

34.5.1 PSM infurma lill-Kunsill li wara s-success tal-gbir ta’ l-iskart organiku nhar ta’Tnejn u Gimgha gewwa l-Imdina fuq ininzjattiva tal-Wasteserv, qed tigi mistharrga l-possibilita li tigi introdotta gurnata ohra ta’ gbir li tkun nhar ta’ Erbgha ukoll flimkien mal-borza s-sewda.Ghanda ssir laqgha ma’ l-ufficcjali tal- Wasteserv f’dan ir-rigward. Il-Kunsill approva

34.6 **Updates dwar it-Tomba, il-Parkegg kif ukoll il-Binja tal-Kunsill**

34.6.1 PSM infurma lill-Kunsill li saret applikazzjoni l-MEPA ghal *change of use* tat-Tomba u l- Parkegg. Fir-rigward ta' l-ittra li rcevejna mid- Dipartiment ghal Gvern Lokali ghal devoluzzjoni ta' De Redin, bhala Kunsill ghandna ninfurmawhom li ahna interessati f'din id-devoluzzjoni biex tigi mgawda mill-pubbliku generali. Fuq il-binja tal-Kunsill PSM infurma li ma kien hemm ebda zviluppi f'dan ir-rigward.

34.7 **Affarijiet Ohra meqjusa urgenti**

34.7.1 PSM tenna li hekk kif wasal biex jerghu jigu mgedda il-permessi ghad-dhul fl-Imdina hemm bzonn li titfassal *policy* gdida fuq restrizzjonijiet li ghandhom isiru fil-konfront ta’ dawk li japplikaw ghal dan il-permess biex b’hekk tigi tutelata is-salvagwardja tar-residenti.

34.7.2 PSM talab lis- Segretarju Ezekuttiv biex jikteb formalment lill-Ministru, l-Onor Joe Mizzi li huwa responsabbli minn TM fuq l-attitudni negattivi tal-parker li jiehu hsieb il-parking ta‘ fejn il-foss.

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra il-laqgha giet aggornata ghal 14 ta Jannar 2016.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |